



Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15447/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0047(COD)

CODEC 2142
TELECOM 334
COMPET 1114
MI 976
DATAPROTECT 306
JAI 1472
PI 176

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar id-Data) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni preżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2022².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2022³.
4. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Settembru 2022⁴.

¹ 6596/22 + ADD 1 sa 3.

² ĠU C 365, 23.9.2022, p. 18.

³ ĠU C 375, 30.9.2022, p. 112.

⁴ ĠU C 402, 19.10.2022, p. 5.

5. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
 6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 49/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
 7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.
- Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

⁵ 15213/23.